3 ta' Diċembru, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà tar-Reġina *versus* Gunner Michael Aquilina

**Provi — Xhieda — Eżenzjoni Milli Jixhdu — Art. 629 (1) (2) tal-Kodiċi Kriminal.**

*Għalkemm il-liġi tissanzjona l-prinċipju li kwalunkwe xhud interessat huwa kompetenti biex jixhed, salva l-kwistjoni tal-kredibilità tiegħu mill-ġudikant, togat jew popolari, l-istess liġi tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li teżenta milli jixhdu l-mara kontra r-raġel jew ir-raġel kontra l-mara, l-axxendenti kontra d-dixxendenti jew viċeversa, jew kontra l-aħwa, jew kontra z-ziju jew in-neputi, u skond iċ-ċirkustanzi tal-każ, meta dawk ix-xhieda juru riluttanza u juru li ma jixtiequx jixhdu kontra l-akkużat hekk imparentat magħhom.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti eżerċitat dik id-diskrezzjoni favur l-eżenzjoni, billi eżentat milli jixhdu kontra l-akkużat il-mara u bint l-istess akkużat.*

Il-Qorti, — Rat l-att ta' l-akkuża nru. 9017, minn fejn jidher li Mikiel Aquilina ġie akkużat talli f'okkażjonijiet differenti, b'attijiet eżekutivi ta' l-istess riżoluzzjoni u bi ksur ta' l-istess dispożizzjoni tal-liġi, b'għemil żieni, ħażżen persuna ta' taħt l-età, b'dana li d-delitt sar minn axxendent tal-persuna mħassra u b'abbuż tas-setgħa tal-missier;

Ra li skond it-termini ta' l-art. 452 (1) u (5) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 12 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, fuq in-nota tax-xhieda preżentata fir-Reġistru ta' dina l-Qorti l-Attorney General indika biex jinġiebu bħala xhieda lil mart l-akkużat, Maria mar. Mikiel Aquilina, u lil bintu Maria Lourdes Aquilina, li hija l-allegata vittima tad-delitt addebitat lill-akkużat, u li, meta dawn iż-żewġ xhieda ġew imgħajta, talbu li jiġu eżentati milli jagħtu x-xhieda tagħhom;

Rat il-verbal tal-lum, mnejn jidher li l-Avukat tal-Kuruna, li qiegħed jidher għall-akkuża, jinsisti għas-smiegħ tagħhom, fis-sens li għandha tiġi mill-Qorti eżerċitata d-diskrez-

zjoni favorevoli għax-xhieda, mentri l-Avukat ta' l-akkużat jitlob li tiġi rispettata r-riluttanza tax-xhieda milli jiddeponu;

Semgħet lill-Avukat tal-Kuruna u lid-difensur ta' l-akkużat;

**Ikkunsidrat;**

Illi skond l-art. 629 (1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet fuq ċitati huwa sanzjonat il-prinċipju li kwalunkwe xhud interessat huwa xhud kompetenti, sew jekk dak l-interess ikun radikat fil-fatt li hu jkun il-parti li għamlet id-denunzja, jew il-kwerela, jew ir-rapport, jew ir-rikors, li fuqhom ikunu nbdew il-proċeduri, sew jekk ix-xhud jiġi mid-demm jew imħalla' b' żwieġ, jew minħabba li jkollu kuntratt, impjeg jew interess ieħor, mal-parti hawn fuq imsemmija, jew ma' l-imputat jew akkużat; imma fi kwalunkwe każ il-kredibilità tiegħu hija mħollija f'min għandu jiġġudika, b'mod li, jekk il-ġudikant, tant togat kemm popolari, ikun mis-smiegħ tax-xhud konvint li x-xhieda hija vera, għandu d-dmir jagħtiha dik il-kredibilità daqs li kieku dawk il-fattijiet minnha attestati ġew pruvati minn persuna barranija, jew minn persuna li ma jkollhiex x'taqsam kif fuq ingħad;

Fl-istess artikolu, fit-tieni subsezzjoni, però, il-leġislatur, in omaġġ għal-liġi suprema tal-morali u tad-dritt tan-natura, li mhumiex ħag'oħra ħlief il-ġenesi ta' l-umanità, ried u ordna li għandu jitħalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tieħu qies tal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri li kieku ma jixtieqx jixhed kontra l-mara jew kontra r-raġel, kontra axxendenti jew kontra dixxendenti, jew kontra ħuh, oħtu, iz-ziju, in-neputi, u ta' ċirkustanzi partikulari oħra tal-każ, biex ma jiġix imġiegħel jixhed dak ix-xhud li juri li ma jixtieqx jixhed kontra persuna li tiġi minnu f'xi wieħed jew ieħor mill-gradi fuq imsemmija;

Illi jingħad ukoll, għal kwalunkwe fini tajjeb, u in partikulari in relazzjoni max-xhieda ta' mart l-akkużat, illi, skond l-art. 631 ta' l-Istatut Kriminali, non ostanti dak li hemm maħsub fid-dispost 629 fuq imsemmi, il-mara u r-raġel tal-persuna imputata jew akkużata ma humiex soġġetti

għall-kostrizzjoni ("compellable witnesses"), fis-sens li jiġu obligati li jagħtu x-xhieda tagħhom sew favur sew kontra l-persuna imputata u akkużata, ħlief meta (a) ir-reat ikun sar kontra x-xhud jew kontra l-axxendenti jew dixxendenti tiegħu; (b) b'talba ta' l-imputat jew akkużat għax-xhieda ta' mart jew żewġ l-imputat jew akkużat stess, meta jkun jista' jixhed skond l-art. 630 tal-Kodiċi Kriminali;

Illi dana li fuq intqal huwa l-istat speċjali u eċċezzjonali tal-liġi, tant dwar bint kemm dwar mart l-akkużat, in relazzjoni għax-xhieda tagħhom;

Illi jingħad li jekk tiġi penetrata r-raġuni ta' dan l-istat tal-liġi inkwantu għall-persuni li jkunu konsangwinei jew affini, u li għalihom jista' jkun hemm l-operazzjoni tat-tieni subsezzjoni ta' l-art. 629 fuq imsemmi, u li nistgħu nsejħulhom il-"persuni eċċettwati", jinsab li l-leġislatur, meta "expressis" ammetta l-prinċipju li jistgħu jixhdu, u li huma xhieda kompetenti li jixhdu, b'mod li minħabba dana l-prinċipju tal-kompetenza sanzjonata jistgħu jkunu ndotti u kostretti jagħtu d-depożizzjoni tagħhom — salva d-diskrezzjoni mħollija fis-setgħa tal-Qorti, li ma tikkompellahomx jixhdu — wera li fil-menti tiegħu n-neċessità gravissima ta' l-ordni pubbliku kienet tagħleb, u fil-fatt kellha preponderanza fuq il-preċett kuntrarju ta' l-invjolabilità assoluta tal-kostrizzjoni li kien jitnissel mill-liġi naturali. Del resto, f'dana l-adattament għan neċessità mposta mill-ordni publiku fl-akkoljiment tal-prinċipju msemmi, huwa sab leġislaturi oħra — salvi xi modifikazzjonijiet — li kienu jaħsbuha fuq dan il-punt bħalu (ara Kodiċi Estensi ta' l-1771, Ktieb 4, Titolu 6, art. 27; Kodiċi Toskan (Codice Leopoldino) ta' l-1786, art. 28; Dikjarazzjonijiet u Istruzzjonijiet tad-9 ta' Novembru 1838 ta' l-istess Toscana, art. 537; Proċedura Penali tad-Dukat ta' Modena, riforma ta' l-1855, art. 136; Kodiċi Proċedura Penali tar-Renju ta' l-Italja ta' qabel dan in vigore, art. 287; Kodiċi Penali Taljan attwali, art. 191);

Illi għall-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mill-parti tal-Qorti, sabiex ma jiġux kostretti jixhdu x-xhieda eċċettwati, il-leġislatur tagħna, bħala motivi li għandhom jiġu kunsidrati, semma (a) il-grad ta' konsangwineità, (b) ir-ributtanza mill-

parti tax-xhud, li juri li ma jixtieqx jixhed fil-każ tal-miżżewġin kontra xulxin, jew tad-dixxendenti kontra l-axxendenti, jew viċe-versa, ta' l-aħwa bniet u subien kontra xulxin, taz-ziju kontra n-neputi u viċe-versa; u (c) ta' ċirkustanzi partikulari oħra tal-każ;

Illi l-espressjoni kontenuta fin-numru 3 tal-paragrafu fuq imsemmi, fil-ħsieb tal-Qorti, trid tiġi interpretata in relazzjoni ta' l-eżenzjoni; l-għaliex (1) hemm adoperata l-konġunzjoni "u" fit-test Malti, u "and" fit-test Ingliż, b'mod li tirriferixxi għall-każijiet "ejusdem generis" li jammettu l-eżenzjoni; (2) l-ammissjoni ta' dawk ix-xhieda, bħala regola, għalkemm bażata fuq l-espedjenza ta' l-ordni publiku u kontra d-dritt tan-natura, mil-leġislatur ma ġietx abbraċċjata b'mod assolut; (3) il-liġi ma għamletx, bħal ma sar f'liġijiet oħra li adottaw l-istess prinċipju, definizzjoni f'liema każi għandha tkun imprexxindibilment negata l-eżenzjoni; (4) li dik l-espressjoni adoperata, fil-kontest tagħha, ma tistax tfisser ċertament fil-każijiet partikulari tal-kawża, imma fil-każijiet l-oħra partikulari ta' sitwazzjoni u rapport tax-xhud ma' l-imputat jew akkużat;

Illi kwindi mhux argument li jingħad li bl-eżenzjoni l-provi ta' l-akkuża jistgħu jkunu newtralizzati; l-għaliex (1) jista' jkun hemm provi oħra li jistgħu jwasslu għall-konvinzjoni ugwalment li ma jistgħux jiġu dikjarati qabel u "a priori", l-għaliex il-Qorti tkun qiegħda tagħmel ġudizzju "di fatto" li jispetta lill-ġurija fil-każ ta' ġudizzju bil-ġurati — dak li huwa inċivili; u (2) anki jekk in segwitu jkun jirriżulta li ma jkunx hemm dawk l-istess provi "aliunde" għall-konvinzjoni ta' l-imputat u akkużat, dan ikun juri li l-leġislatur, li jkun ħalla d-diskrezzjoni fil-Qorti li teżenta dawk ix-xhieda, ikun wera li ried jirrispetta, kif fil-fatt urih bissetgħa tad-diskrezzjoni, li tista' tkun eżerċitata favur l-esklużjoni, il-prinċipju ta' l-invjolabilità assoluta tal-kostrizzjoni kondizzjonatament;

Illi dina d-diskrezzjoni ġiet użata varjament mill-ġurisprudenza tagħna. Infatti ġiet eżerċitata favorevolment għall-eżenzjoni fil-każijiet Qorti Kriminali "Regina vs. Annibale Cauchi" 22 ta' Diċembru 1899 (mhix publikata), Qorti Kri-

minali "Rex vs. Domenico Borg" 27 ta' Lulju 1916, Qorti Kriminali "Rex vs. Lorenzu Azzopardi" tas-16 ta' Settembru 1943; u ġiet eżerċitata kontra l-eżenzjoni fil-każ Qorti Kriminali "Rex vs. Muscat et." tat-23 ta' Lulju 1942;

Illi dina l-Qorti tħoss illi taħt iċ-ċirkustanzi għandha tuża d-diskrezzjoni favorevoli għall-eżenzjoni; l-għaliex ix-xhieda in kwistjoni x'aktarx li jiġu eżentati milli jixhdu, u wrew bil-mod tagħhom li ma jixtiequx jixhdu. Il-fatt li huma għamlu dikjarazzjoni lill-uffiċjali tal-Pulizija qabel ma ġie istitwit il-każ ma jħsserx li huma ma jistgħux il-lum iħossu ripunttanza li jixhdu, l-għaliex allura huma kienu qegħdin jaġixxu taħt l-impetu immedjat tar-reat, liema stat ta' l-animu jegħleb, waqt li bniedem ikun meħud mill-eċċitament tal-mument, kwalunkwe ħsieb ieħor, li jitnissel mid-dritt tan-natura li fuqu hija bażata r-riluttanza. Del resto, normalment fattijiet ta' natura simili dejjem jiġu a konjizzjoni tal-Pulizija Eżekutiva minn persuna intima tal-familja; u dina r-rivelazzjoni u informazzjoni, kieku kellha tiġi apprezzata bħala nuqqas ta' riluttanza, kien ikollna naslu għall-assurd li allura dik il-persuna informatriċi, rapportanti u kwerelanti, skond il-każ, ma għandha qatt tiġi eżentata — dak li ġie deċiż li mhux il-każ — indipendentement mill-konsegwenzi li jistgħu jitnisslu; dejjem bħala ta' in omaġġ għall-prinċipju li jitnissel mid-dritt naturali;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiddispensa lil Maria Lourdes Aquilina, bint l-akkużat, u lil Maria mart l-istess Mikiel Azzopardi, milli jixhdu fil-kawża odjerna, l-għaliex urew renitenza li jixhdu; u f'dan is-sens, taħt l-istat attwali ta' l-affarijiet, tuża d-diskrezzjoni lilha mogħtija mil-liġi.